*l-Kumitat għall-Klassifikazzjoni ta' Vetturi* Vintage *ma jistax minn jeddu jiddeċiedi li jistrieħ fuq il-fattura ppreżentata u jadotta l-valur indikat hemmhekk bħala l-valur tal-vettura għall-finijiet tal-ħlas ta' taxxa tar-reġistrazzjoni. Jista' jagħti l-każ li wara li ssir spezzjoni minn wieħed mill-assessuri, u jiġi kkonstatat f'liema stat u kundizzjoni din il-vettura tkun tinsab, jiġi deċiż li l-Kumitat għandu jadotta l-valur indikat fuq il-fattura. Iżda jista' jagħti l-każ ukoll, kif jirriżulta li ġara fil-każ in eżami, li l-Kumitat jiddeċiedi li l-valur indikat fuq il-fattura għandu jiġi rivedut, mhux għaliex tkun saret xi ħaġa ħażina da parti tax-xerrej tal-vettura, jew għaliex dan ikun għamel xi dikjarazzjoni qarrieqa dwar il-prezz li huwa jkun ħallas għaliha, imma għaliex il-Kumitat jidhirlu li abbażi ta' linji gwida oġġettivi u riċerka li ssir dwar il-prezz ta' vetturi b'mudelli simili fis-suq internazzjonali, il-valur tal-vettura għall-fini ta' taxxa ta' reġistrazzjoni għandu jiġi rivedut, għaliex il-valur li jirriżulta mill-fattura huwa baxx b'tali mod li ma jistax jitqies li huwa raġonevoli.*

MALTA

# QORTI TAL-APPELL
## (Kompetenza Inferjuri)

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2021

Appell Inferjuri Numru 32/2019/1 LM

**Edward Attard (K.I. 595881M)**
*("l-appellat u l-appellant inċidentali")*

***vs.***

**Awtorità għat-Trasport f'Malta** *("l-appellanta u l-appellata inċidentali")*
**u l-Ministru tal-Finanzi**

**Il-Qorti,**

## <u>Preliminari</u>

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimata **Awtorità għat-Trasport f'Malta**, hawnhekk "l-appellanta u l-appellata inċidentali", minn deċiżjoni tat-

Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva (minn issa 'l quddiem "it-Tibunal"), tat-28 ta' Settembru, 2020 (minn issa 'l quddiem "is-sentenza appellata"), li permezz tagħha t-Tribunal iddeċieda li l-appell tar-rikorrent għandu jiġi milqugħ sa fejn huwa kompatibbli mal-konsiderazzjonijiet tat-Tribunal, u filwaqt li ma ħa l-ebda konjizzjoni tal-ewwel tliet eċċezzjonijiet tal-Awtorità intimata, ċaħad il-kumplament tar-risposta tagħha, u b'hekk annulla d-deċiżjoni li appella minnha r-rikorrent.

**<u>Fatti</u>**

2. Permezz tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent spjega li huwa kien akkwista vettura tal-għamla Porsche 928 S Series IV ("il-vettura") bil-prezz ta' €8,000 minn *eBay,* u din il-vettura li kellha aktar minn tletin sena, ġiet impurtata mill-Ingilterra. Ir-rikorrent qal li huwa għamel l-applikazzjonijiet neċessarji sabiex ikun jista' jirreġistra l-vettura mal-Awtorità għat-Trasport f'Malta bħala vettura *vintage* awtentika, u permezz ta' ittra mibgħuta lilu mill-Awtorità intimata, ir-rikorrent ġie infurmat li l-Kumitat għall-Klassifikazzjoni ta' Vetturi *Vintage* ("il-Kumitat") kien aċċetta li jiċċertifika din il-vettura bħala waħda *vintage,* u għaldaqstant huwa ġie mgħarraf li kellu jiffinalizza t-transazzjoni u jħallas it-taxxa dovuta malajr kemm jista' jkun, għaliex hekk kif jgħaddu tletin ġurnata, tiskatta penali ta' €30 kuljum, li trid titħallas mill-applikant lill-Awtorità. Ir-rikorrent qal li permezz ta' din l-ittra huwa ġie infurmat ukoll li t-taxxa ta' reġistrazzjoni dovuta minnu fuq il-vettura tammonta għal €6,000.

**Mertu**

3. Ir-rikorrent ħass ruħu aggravat bl-ammont ta' taxxa li ntalab iħallas abbażi tal-valur tar-reġistrazzjoni tal-vettura. Spjega li huwa sar jaf li l-Kumitat ma ħax konjizzjoni tal-valur tal-vettura skont il-fattura ppreżentata minnu, iżda bbaża ruħu fuq valur ogħla. Ir-rikorrent spjega li kien għalhekk li huwa għamel kuntatt mal-Awtorità intimata permezz ta' *email* tal-11 ta' Marzu, 2019, fejn talab li d-deċiżjoni tal-Kumitat dwar it-taxxa għar-reġistrazzjoni tiġi riveduta għaliex il-valur indikat fuq il-fattura ppreżentata minnu huwa l-valur reali tal-vettura, kif ukoll għaliex dan il-valur jirrifletti l-valur ta' tali vettura fis-suq internazzjonali. Qal ukoll li din il-vettura kienet dikjarata *written off* u ma kellhiex *service history.* Ir-rikorrent spjega li dawn huma kollha elementi li jnaqqsu drastikament il-valur tal-vettura. Kompla jgħid li huwa rċieva ittra bid-data tal-15 ta' Marzu, 2019, fejn ġie mgħarraf li l-Kumitat kien ikkonsidra t-talba tiegħu, flimkien mal-fattura u r-rapport ippreżentati minnu, iżda l-Kumitat kien wasal għall-konklużjoni li l-valur kif stabbilit mill-assessur u sussegwentement ikkonfermat mill-Kumitat, kien wieħed raġonevoli u aċċettabbli. Ir-rikorrent qal li huwa ħassu aggravat b'din id-deċiżjoni, għaliex fil-fehma tiegħu l-Kumitat kellu jivvaluta l-vettura biss fejn il-valur tal-vettura kif indikat fuq il-fattura jkun wieħed irraġonevolment baxx. Ir-rikorrent qal li l-valur imħallas minnu huwa wieħed reali, raġonevoli u li jirrifletti l-valur tal-vettura fis-suq internazzjonali, u għalhekk ma kien hemm l-ebda raġuni għalfejn l-Awtorità intimata tiffissa valur hi sabiex tiġi kkalkulata t-taxxa tar-reġistrazzjoni tal-vettura. Ir-rikorrent qal li sal-ġurnata meta ppreżenta dan ir-rikors, huwa kien għadu ma ħallasx it-taxxa mitluba mill-Awtorità intimata, imma peress li t-terminu mogħti lilu ta' tletin ġurnata beda għaddej, iddeċieda

li jħallas mingħajr preġudizzju għall-eżitu ta' dawn il-proċeduri, u dan sabiex jevita li jkollu jħallas multi. Permezz tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent talab lit-Tribunal jiddikjara li l-valur ta' reġistrazzjoni stabbilit mill-Kumitat fir-rigward tal-vettura tar-rikorrent huwa irraġonevoli, u sabiex jekk ikun hemm il-ħtieġa jinħatru periti sabiex jistabbilixxu tali valur. Ir-rikorrent talab lit-Tribunal jiddikjara wkoll li l-ammont ta' €6,000 bħala taxxa tar-reġistrazzjoni abbażi tal-valur ta' reġistrazzjoni, li ser jitħallas jew li tħallas mir-rikorrent, huwa eċċessiv u ma jirriflettix l-ammont dovut għal din il-vettura, kif ukoll talab lit-Tribunal jordna lill-intimati jew min minnhom jirrifondulu t-taxxa ta' reġistrazzjoni żejda mħallsa minnu fuq il-vettura.

4. L-Awtorità intimata wieġbet billi qalet li l-Ministru tal-Finanzi ma ħa l-ebda deċiżjoni li minnha qiegħed jiġi intavolat dan l-appell, u għalhekk dan mhuwiex leġittimu kontradittur u għandu jinħeles mill-osservanza tal-ġudizzju. L-intimata eċċepiet ukoll li r-rikors promutur huwa null minħabba konfużjoni u pluralità ta' azzjonijiet li ma setgħux jiġu intavolati bi proċedura waħda; minħabba li l-kontradittturi għal dawn it-talbiet huma entitajiet differenti u l-Awtorità għat-Trasport f'Malta mhix leġittima kontradittriċi fir-rigward tat-tielet talba, filwaqt li l-Ministru tal-Finanzi mhux leġittimu kontradittur fir-rigward tal-ewwel żewġ talbiet. Fil-fehma tal-Awtorità intimata, it-tielet talba teżorbita mill-kompetenza tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva. L-Awtorità intimata eċċepiet ukoll li ladarba t-taxxa ġiet imħallsa in segwitu għad-deċiżjoni tal-Awtorità, anki jekk tali ħlas sar taħt protesta, dan ifisser li r-rikorrent irrinunzja għad-dritt ta' appell, u għalhekk it-Tribunal ma jistax jisma' u jiddeċiedi appell dwar ħlas ta' taxxa li diġà ġiet imħallsa. L-Awtorità intimata

qalet ukoll li fil-mertu dan l-appell huwa infondat kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt, u għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż għaliex id-deċiżjoni meħuda mill-Kumitat hija waħda korretta, ġusta u skont il-liġi. Qalet li l-artikolu 25(8) tal-Kap. 368, jipprovdi li meta l-valur dikjarat ta' vettura jkun wieħed baxx b'mod mhux raġonevoli, il-valur tar-reġistrazzjoni jkun ibbażat fuq il-valur tas-suq medju ta' vetturi bil-mutur identiċi, ekwivalenti jew simili fis-suq internazzjonali, u kien abbażi ta' dan il-kriterju li l-Kumitat stabbilixxa l-valur tal-vettura inkwistjoni u sussegwentement iffissa t-taxxa tar-reġistrazzjoni li għandha titħallas mir-rikorrent.

5. It-Tribunal sema' diversi xhieda, fosthom lil **Brian Farrugia**, Segretarju tal-Kumitat, li esebixxa kopja tal-*file* bid-dokumentazzjoni relattiva fir-rigward tal-vettura tar-rikorrent. Ix-xhud spjega li meta individwu jimporta vettura minn barra, dan jippreżenta l-formularju u d-dokumentazzjoni lill-Awtorità għat-Trasport f'Malta, fejn wara li jinfurmaha li jkun importa vettura, jintalab jimla żewġ formuli. Kompla jgħid li ma' dawn il-formuli, wieħed irid jesebixxi n-*notice of arrival* tal-vettura, il-fattura li turi l-prezz li tħallas għall-vettura, il-*log book* oriġinali, ritratti li juru l-kundizzjoni tal-vettura u d-dokumentazzjoni kollha tal-vettura. Qal li sussegwentement l-Awtorità tgħaddi dawn id-dokumenti lill-Kumitat, tinfurmah li jkollha vettura għall-ispezzjoni, u wieħed mit-tliet membri tal-kumitat jintalab jagħmel spezzjoni tal-vettura sabiex tiġi stabbilita l-kundizzjoni tagħha u sabiex l-assessur ikun jista' jagħmel riċerka dwar il-valur tal-vettura fis-suq. Ix-xhud kompla jgħid li s-sejbiet ta' din l-ispezzjoni jiġu mgħoddija lill-membri l-oħra tal-Kumitat kull meta dan jiltaqa', sabiex il-vettura tiġi evalwata mill-membri kollha. Qal li jkun hemm drabi fejn il-membri tal-Kumitat juru nuqqas ta' qbil mal-konklużjonijiet li jkun wasal

għalihom il-membru assessur, u għalhekk issir l-emenda meħtieġa. Ix-xhud qal li f'dan il-każ ġie stabbilit li l-kundizzjoni tal-vettura hija waħda *average,* liema deskrizzjoni tfisser li l-vettura hija miżmuma fi stat tajjeb, u għalhekk tista' tiġi rreġistrata għaliex tista' tinstaq fit-triq. Ix-xhud qal li f'dan il-każ ġie deċiż li l-valur tal-vettura akkwistata mir-rikorrent għandu jkun ta' sittax-il elf Euro (€16,000). Ix-xhud qal li l-Kumitat ma jistax jagħti valur lill-vettura li jkun inqas mill-valur li jidher fuq il-fattura, u huwa għalhekk li ssir l-ispezzjoni tal-vettura sabiex jiġi determinat il-valur tagħha abbażi tal-kundizzjoni li l-vettura tkun fiha. Qal li jkun hemm istanzi fejn għall-fini tat-taxxa, il-valur indikat fuq il-fattura ma jkunx jista' jiġi aċċettat mill-Kumitat għaliex jiġi stabbilit li l-vettura jkollha valur ogħla minn dak li jirriżulta mill-fattura.

6. **Albert Pisani** fix-xhieda tiegħu qal li huwa jaħdem bħala *quantity surveyor* u jifforma parti mill-Kumitat. Qal li f'dan ir-rwol huwa jispezzjona l-vetturi, u jara jekk ikunux idonei għall-klassifikazzjoni bħala *vintage cars.* Qal li kull membru tal-Kumitat jintalab mill-Awtorità għat-Trasport f'Malta jispezzjona għadd ta' vetturi, u wara li jagħmel ir-riċerki tiegħu dwar il-vettura li jintalab jispezzjona, huwa jħejji rapport. Qal li l-Awtorità għandha numru ta' *guidelines* dwar il-vetturi *vintage,* u huwa importanti li qabel persuna takkwista vettura bħal din, tiffamiljarizza ruħha ma' dawn il-linji gwida. Ix-xhud qal li f'dan il-każ huwa stabbilixxa li l-vettura mertu ta' dawn il-proċeduri hija tajba biex tinstaq fit-triq skont il-linji gwida tal-Awtorità. Għad-domandi li sarulu in kontro-eżami, ix-xhud spjega li l-valur li huwa attribwixxa lill-vettura, mhuwiex neċessarjament il-valur li bih inxtrat il-vettura. Qal li huwa jżomm *records* tal-prezz li bih jinbiegħu vetturi simili minn djar tal-irkant fir-Renju

Unit, kif ukoll jivverifika kumpanniji tal-assigurazzjoni internazzjonali b'liema valur ikunu qegħdin jassiguraw vetturi simili. Kompla jgħid li l-kumpannija Hagerty, li hija kumpannija tal-assigurazzjoni, tattribwixxi l-valur ta' €14,000 għal vettura simili fi stat deskritt bħala *'fair'.* Qal li vettura tal-istess għamla jew simili li l-kundizzjoni tagħha hi meqjusa bħala *'good',* għandha valur ta' madwar €31,300, u f'dan il-każ, peress li l-vettura inkwistjoni hija meqjusa li kienet f'kundizzjoni '*average',* huwa attribwixxa valur li kien jaqa' bejn dawn iż-żewġ valuri. Ix-xhud qal li huwa għamel ukoll paragun ma' prezzijiet ta' *dealers* ta' vetturi antiki bħall-*Cars and Classic,* u sab li vettura identika għal dik tar-rikorrent u maħruġa fl-istess sena (1988) għandha l-valur ta' 17,500 lira sterlina. Kompla jgħid li vettura identika tal-1989, għandha l-valur ta' 24,950 lira sterlina, u minn dan għandu jirriżulta li l-valur mogħti minnu għal din il-vettura huwa wieħed pjuttost baxx. Ix-xhud għal darb'oħra enfasizza li dawn il-valuri jingħataw għal skop ta' ħlas ta' taxxa tar-reġistrazzjoni, u għalhekk il-prezz attwali li bih il-vettura tkun ġiet akkwistata ftit għandu rilevanza għad-determinazzjoni tat-taxxa li trid titħallas. Qal ukoll li l-vettura inkwistjoni hija *automatic,* li hija tip ta' vettura imfittxija aktar fis-suq. Ix-xhud qal ukoll li l-vettura li huwa ra ma setgħetx titqies minnu bħala *written off,* għalkemm żied jgħid li huwa ma kellux kopja tal-istorja tal-vettura u għalhekk ma setax jgħid jekk din kinitx involuta f'xi inċident ikrah fil-passat.

7. Ir-rikorrent **Edward Attard** fix-xhieda tiegħu qal li huwa xtaq jakkwista vettura *vintage* u għalhekk ikkonsulta diversi siti fuq l-Internet sabiex jara vetturi simili kemm kienu qegħdin jinbigħu fl-irkanti. Qal li vetturi ta' din l-għamla għadhom mhumiex daqshekk imfittxija mid-dilettanti, u għalhekk il-

prezz tagħhom għadu baxx. Qal li meta ra l-vettura li eventwalment akkwista fuq sit tal-Internet għall-bejgħ, innota li ftit kien hemm interess fiha, u għalhekk iddeċieda li joffri prezz lis-sid, liema prezz ġie aċċettat, u ħallas għall-vettura. Ir-rikorrent qal li huwa xtara l-vettura bil-prezz ta' 7,500 lira sterlina. Ir-rikorrent qal li huwa ngħata kopja tar-rapport bl-istorja tal-vettura, li esebixxa quddiem it-Tribunal, u minn dan ir-rapport huwa seta' jivverifika jekk meta saru l-VRTs, sarux xi *claims* fuq il-vettura u dettalji simili. Qal li l-istorja ta' din il-vettura partikolari ma kinitx xi waħda sabiħa, u wara ħabta partikolari, is-soċjetà li magħha kienet assigurata l-vettura, kienet iddeċidiet li mhix ser tħallas għall-ispejjeż tal-ħsarat li din ġarrbet. Ir-rikorrent qal li meta huwa xtara l-vettura, huwa ma kienx jaf kemm kien ser ikollu jħallas taxxa għar-reġistrazzjoni, għalkemm kien ikkonsulta t-test tal-liġi u ra li kien ser ikollu jħallas perċentwal tal-valur tal-vettura bħala taxxa. B'riferiment għall-ispezzjoni li saret fuq il-vettura, ir-rikorrent qal li din damet biss ftit minuti, u waqt l-ispezzjoni l-vettura ma ġietx startjata, jew imċaqalqa, la ġew imċaqalqa s-*seats,* la ġie stabbilit jekk l-*air conditioning* tagħha jaħdimx u lanqas jekk għandhiex xi problema bl-*electronics.* Żied jgħid li l-parts ta' dawn it-tip ta' vetturi huma għoljin ħafna biex jinxtraw. Ir-rikorrent qal li fiż-żmien li saret l-ispezzjoni, il-vettura kienet taħdem, u ftit wara din għaddiet mit-test tal-VRT. Ir-rikorrent qal li wara li huwa ġie infurmat kemm hija t-taxxa tar-reġistrazzjoni li għandha titħallas minnu, huwa kien ikkuntattja lill-Awtorità intimata u staqsa jekk jistax jagħmel appell minn din id-deċiżjoni. Qal li huwa kien informa lill-Awtorità li l-vettura kienet *written off* meta ġiet akkwistata minnu, u huwa kien ikkuntattja lis-soċjetà assiguratriċi Hagerty sabiex jara jekk il-fatt li l-vettura kienet involuta f'inċident serju, kellux xi impatt fuq il-valur tagħha. Qal

ukoll li l-informazzjoni li ngħatatlu minn Hagerty kienet li vetturi tat-tip *automatic* għandhom valur inqas minn vetturi *manual.* Qal li huwa kien mexa mal-indikazzjonijiet li ngħatawlu minn Hagerty u kien wasal għal valur li kien viċin ħafna tal-prezz attwalment imħallas minnu għax-xiri tal-vettura. Ir-rikorrent esebixxa sensiela ta' ritratti, fejn indika xi ħsarat u difetti li kellha l-vettura, u li skont hu ma ġewx innutati meta saret l-ispezzjoni tal-vettura. Fost dawn il-ħsarat hemm barxa mal-bieba, daqqa mal-*body,* barxa mat-tieqa, barxa mal-vettura, difetti fiż-żebgħa tal-vettura, sadid mal-qiegħ tal-vettura, fanal imkisser, u ħsara fil-magna. Għad-domandi li sarulu in kontroeżami, ir-rikorrent qal li meta huwa akkwista l-vettura, din kienet fil-kundizzjoni li wieħed jippretendi li vettura tkun meta din tkun *"at the bottom range of the market"*, jiġifieri bid-daqqiet fuqha. Qal li kellha s-sadid, u kellha numru ta' difetti kemm żgħar kif ukoll kbar, difetti mekkaniċi, difetti fil-*body* u difetti fil-qiegħ tagħha.

8. **L-Imħallef Emeritu Michael Mallia**, li hu ċ-Chairman tal-Kumitat, spjega li huwa ilu f'din il-kariga għal madwar ħames snin, u spjega li l-funzjoni ta' dan il-kumitat hija li jeżamina l-applikazzjonijiet li jsiru minn persuni li jkunu jixtiequ li l-vetturi tagħhom jiġu ċċertifikati bħala *vintage.* Qal li ħafna drabi l-Kumitat jordna li ssir spezzjoni fiżika fuq il-vettura sabiex tiġi determinata l-kundizzjoni li tkun fiha. Qal li sabiex vettura tiġi klassifikata bħala *vintage,* din irid ikollha aktar minn tletin sena, u hemm għadd ta' linji gwida li jridu jiġu osservati sabiex vettura tingħata l-konċessjoni ta' *vintage* mill-Kumitat. Qal li meta jiltaqa' l-Kumitat dan jiddiskuti l-valutazzjoni li għandha tingħata lil kull vettura, u jsir eżerċizzju ta' tqabbil mal-prezzijiet ta' vetturi simili barra minn

Malta. Ix-xhud qal li minkejja li l-ispezzjoni ssir minn persuna waħda biss, fil-Kumitat ħafna drabi jintlaħaq *consensus* dwar il-valur tal-vettura. Għad-domandi li sarulu in kontroeżami, ix-xhud qal li l-ispezzjoni normalment issir fid-dawl tax-xemx jew f'garaxx bid-dawl, u f'każ li fil-garaxx fejn tinżamm il-vettura ma jkunx hemm dawl adegwat, l-ispezzjoni ma ssirx. Ix-xhud qal li mhux meħtieġ li min ikun fil-Kumitat ikollu xi kwalifiki akkademiċi partikolari, imma l-membri tal-Kumitat huma magħrufa fiċ-ċrieki tal-*vintage vehicles* u għandhom għarfien u jifhmu f'dan is-suġġett.

## **<u>Is-Sentenza Appellata</u>**

9. Permezz tad-deċiżjoni tat-28 ta' Settembru, 2020, it-Tribunal laqa' l-appell tar-rikorrent, u filwaqt li ma ħax konjizzjoni tal-ewwel tliet eċċezzjonijiet tal-Awtorità intimata, peress li l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet ġew sorvolati fil-mori u t-tielet waħda ġiet irtirata, ċaħad il-kumplament tar-risposta tal-Awtorità intimata u għalhekk annulla d-deċiżjoni tagħha. Dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"Illi t-taxxa ta' reġistrazzjoni fuq vetturi* vintage *impurtati f'Malta hija regolata bl-Att dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur (Kapitolu 368 tal-Liġijiet ta' Malta). Artikolu 25(7) u (8) tal-imsemmija leġislazzjoni jgħid is-segwenti:*
>
> > "(7) Meta vettura bil-mutur li tkun għadha kif ġiet impurtata u tkun għadha ma ġietx reġistrata f'Malta tiġi klassifikata bħala vettura *vintage*, il-kumitat għall-klassifikazzjoni ta' vetturi *vintage* għandu wkoll jiddeċiedi dwar il-valur tar-reġistrazzjoni ta' dik il-vettura bil-għan li tiġi kalkulata t-taxxa tar-reġistrazzjoni li għandha titħallas fuq dik il-vettura.
> >
> > (8) Il-valur tar-reġistrazzjoni ta' vettura bħal dik bil-għan li tiġi kalkulata t-taxxa tar-reġistrazzjoni, għandu jkun bażat fuq –

(a) il-valur tal-fattura, jew,

(b) il-valur tas-suq medju ta' vetturi bil-mutur identiċi, ekwivalenti jew simili fis-suq internazzjonali meta l-valur tal-fattura jitqies mill-kumitat li huwa wieħed baxx b'mod mhux raġonevoli."

*Illi fil-każ in kwistjoni l-ebda Membru tal-Kumitat ma xehed illi l-Kumitat ħass illi l-prezz imħallas mir-rikorrent kien wieħed baxx b'mod mhux raġonevoli. Però jidher li hekk kien il-każ ladarba l-Kumitat ma qagħadx fuq il-valur tal-fattura u wasal għal valur ieħor. Illi dan il-valur wasal għalih wara spezzjoni viżwali li saret minn membru tal-istess Kumitat u li eventwalment għamel riċerka għal valuri ta' vetturi simili minn fuq siti elettroniċi barranin. Bħala prova ta' dan, l-istess Membru tal-Kumitat esebixxa eżempji ta' valuri ta' vetturi simili, liema valuri jvarjaw. Mid-dokumenti esebiti a fol. 96 u 97 tal-proċess jirriżulta illi skont is-sit elettroniku ta' Hagerty Insurance ġewwa r-Renju Unit, il-valur għal vetturi ta' mudell identiku b'kundizzjoni "fair" kien ta' tnax-il elf u erba' mitt lira sterlina (£12,400) filwaqt li f'kundizzjoni "good" kien ta' tmintax-il elf u seba' mitt lira sterlina (£18,700). Madankollu fuq is-sit elettroniku ta' Hagerty ġewwa l-Istati Uniti jirriżulta illi l-valur għal vettura f'kundizzjoni "fair" kien ta' erbatax-il elf dollar ($14,000) filwaqt li f'kundizzjoni "good" kienet ta' wieħed u tletin u tliet mitt dollar ($31,300). Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha l-Awtorità intimata irrilevat illi l-Kumitat ħa l-ammont ta' bejn il-"good" u l-"fair" u wasal għall-"average" u dan billi mis-somma ta' €31,300 naqqas is-somma ta' €14,000 (fn2 Illi t-Tribunal jirrileva illi fid-dokumenti ta' Hagerty l-valur huma Dollari Amerikani u mhux Ewro) u ddividijha bin-nofs, biex b'hekk ġie l-valur ta' €22,650. Però l-Kumitat naqqas minn dan l-aħħar valur u wasal għall-valur ta' tmintax-il elf u sitt mitt ewro (€18,600) (fn3 Għalkemm fin-nota ta' sottomissjonijiet jissemma l-valur tas-suq ta' €18,600, fuq il-formula VEH 15A esebita a fol. 40-41 tal-proċess jirriżulta illi r-*registration value *ġie mniżżel bħala €16,000 u għalhekk it-Tribunal se jkun qiegħed jimxi fuq dan il-valur) u li mbagħad abbażi tiegħu ġiet kalkulata t-taxxa ta' reġistrazzjoni ta' sitt elef ewro (€6,000).*

*Illi mid-dokumenti esebiti mir-rikorrent innifsu jirriżulta illi skont is-sit elettroniku ta' Hagerty, il-prezz tal-vettura qiegħed dejjem jitla', tant li għal vettura identika "fair" il-prezz tas-suq f'Jannar 2009 kien ta' tmint elef u ħames mitt lira sterlina (£8,500) filwaqt li f'Mejju 2019 kien ta' erbatax-il elf lira sterlina (£14,000) (fn. 4* a fol. *128). Madankollu r-rikorrent jisħaq illi lanqas dan il-prezz ma jirrifletti l-valur tas-suq tal-vettura tiegħu stante li din kienet vettura li kienet *written off *wara inċident li kellha ġewwa l-Ingilterra. Dan ġie kkonfermat ukoll minn rappreżentant ta' Hagerty ġewwa r-Renju Unit permezz ta' email mibgħuta lir-rikorrent fis-7 ta' Jannar, 2020 fejn infurmah illi l-fatt li l-vettura kienet *written off *fl-2003 ħa jkollu effett*

*detrimentali fuq il-valur, speċjalment fuq it-tip ta' vettura in kwisjtoni, u ċioe "*a High performance "future classic" with complicated construction on a mix of materials including impact bumpers crumple zones and extensive electronics" (fn. 5 *a fol.* 119).

*Illi skont l-istess sit elettroniku ta' Hagerty il-klassifikazzjoni "fair" hija deskritta bis-segwenti:*

> *"#4* cars are daily drivers, with flaws visible to the naked eye. The chrome might have pitting or scratches, the windshield might be chipped. Paintwork is imperfect, and perhaps the fender has a minor dent. The interior could have split seams or a cracked dash. No major parts are missing, but the wheels could differ from the originals, or the interior might not be stock. No major customisations have been made. A #4 car can also be a deteriorated restoration. "Fair" is the word that describes a #4 car. (fn. 6 *a fol. 96)."*

*Filwaqt li l-kundizzjoni "good" hija deskritta hekk:*

> *"*#3 cars could possess some, but not all of the issues of a #4 car, but they will be balanced by other factors such as a fresh paint job or a new, correct interior. #3 cars drive and run well, but might have some incorrect parts. These cars are not used for daily transportation but are ready for a long tour without excuses, and the casual passerby will not find any visual flaws. No major customisations have been made. "Good" is the one word description of a #3 car. (fn. 7 – *a fol. 97)."*

*Illi wara li t-Tribunal ħa konjizzjoni ta' dawn id-dokumenti kollha u tad-deposizzjonijiet, jirriżulta illi l-Kumitat ma ħassx illi l-fatt li l-vettura kienet* written-off *kellu jaffettwa l-valur tal-vettura in kwistjoni. Lanqas ma jirriżulta illi l-Kumitat ħa konjizzjoni illi skont is-sit elettroniku ta' Hagerty, vettura identika li tkun* automatic, *il-valur tagħha kellu jitnaqqas b'għoxrin fil-mija (20%). Anzi l-fatt li kienet* automatic *skont ix-xhud Albert Pisani, kellu jgħolli l-valur u mhux inaqqas. Illi madankollu dan it-Tribunal lanqas ma jqis illi l-valur ta' eżempju ta' mudell simili, però tas-sena 1985 (dokument ipprovdut mir-rikorrent lill-Awtorità intimata u esebit a fol. 70) jirrifletti l-prezz fis-suq tal-vettura in kwistjoni. Dan għaliex fl-ewwel lok is-sena ta' manifattura huwa differenti, u, fit-tieni lok, is-serje tal-vettura huwa differenti.*

*Illi għalhekk it-Tribunal huwa tal-fehma illi filwaqt li l-valur mogħti mill-Kumitat huwa wieħed li ma jirriflettix il-valur tas-suq tal-vettura in kwistjoni, lanqas ma huwa tal-fehma illi l-prezz imħallas mir-rikorrent huwa l-valur tas-suq. L-ewwel u qabel kollox iridu jitnaqqsu għoxrin fil-mija (20%) mill-valur appellat. Inoltre jrid isir*

*aġġustament ulterjuri li jirrifletti l-fatt li l-vettura kienet* written off. *Kwindi l-valur tas-suq huwa x'imkien bejn tnax-il elf u tmien mitt ewro (€12,800) (fn. 8 €16,000 - 20% = €12,800 (għalkemm fin-nota ta' sottomissjonijiet hemm imsemmi li l-valur tas-suq li wasal għalih il-Kumitat huwa ta' £16,000 fil-verità irriżulta illi l-valur tas-suq imniżżel mill-Kumitat fuq il-formola VEH 15A kien ta' €16,000. Għalhekk it-Tribunal se joqgħod fuq id-dokument ippreżentat mill-istess Awtorità intimata a fol. 41 tal-proċess) u s-sebat elef u ħames mitt sterlina (£7,500) prezz imħallas mir-rikorrent, wara li jittieħed in konsiderazzjoni l-fattur li l-vettura de quo kienet ġiet* written off.

*Illi għaldaqstant it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-Kumitat għandu jerġa' jikkunsidra mill-ġdid id-deċiżjoni tiegħu abbażi ta' dak li ntqal hawn fuq.*

*Illi finalment, it-Tribunal jirrileva illi meta saru l-ispezzjonijiet fuq vetturi bħal dawk in eżami, huwa desiderabbli li dawn isiru f'ambjent imdawwal u preferibbilment f'ambjenti li tipprovdi l-Awtorità intimata ħalli jinżamm ċertu* standard *għall-ispezzjonijiet kollha. Iktar minn hekk huwa wkoll tajjeb li tali spezzjonijiet isiru minn iktar minn membru wieħed tal-Kumitat u dana sabiex l-ispezzjoni tkun waħda iktar oġġettiva u trasparenti.*

***Decide***

*Għaldaqstant, it-Tribunal, għar-raġunijiet hawn fuq esposti qiegħed jilqa' l-appell tar-rikorrent sa fejn huwa kompatibbli ma' dak li ntqal hawn fuq u, filwaqt li ma jiħux konjizzjoni tal-ewwel tliet eċċezzjonijiet stante li l-ewwel tnejn ġew sorvolati fil-mori u t-tielet waħda ġiet irtirata, jiċħad il-bqija tar-risposta tal-Awtorità intimata u għalhekk qiegħed jannulla d-deċiżjoni appellata.*

*Bl-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet."*

## L-Appell

10. L-Awtorità intimata ressqet l-appell tagħha mis-sentenza appellata permezz ta' rikors tal-appell ippreżentat fil-15 ta' Ottubru, 2020, fejn talbet lil din il-Qorti sabiex,

*"... jogħġobha tirrevoka s-sentenza mogħtija mit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva fit-28 ta' Settembru, 2020 fil-kawża odjerna fl-ismijiet "**Edward***

> ***Attard vs Awtorità għat-Trasport f'Malta u l-Ministru tal-Finanzi*"** *(Rikors numru 32/2019) filwaqt li takkolji r-raba' eċċezzjoni mogħtija mill-istess Awtorità fir-Risposta tagħha preżentata fit-8 t'April, 2019 bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat Edward Attard."*

11. L-Awtorità appellanta spjegat li hija ħasset ruħha aggravata bis-sentenza appellat għaliex it-Tribunal ikkonkluda illi filwaqt li l-valur mogħti mill-Kumitat huwa wieħed li ma jirriflettix il-valur tas-suq tal-vettura inkwistjoni, lanqas il-prezz imħallas mir-rikorrent mhuwa l-valur tas-suq. L-appellanta kompliet tgħid li dan ifisser li hija kienet korretta meta m'applikatx il-prezz indikat fil-fattura għall-finijiet tal-komputazzjoni tat-taxxa ta' reġistrazzjoni, kif ukoll meta hija applikat id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 25(8)(b) tal-Kap. 368. Qalet li għalhekk id-deċiżjoni tagħha, li minflok tapplika l-valur indikat fuq il-fattura tikkomputa t-taxxa ta' reġistrazzjoni abbażi tal-valur medju ta' vetturi bil-mutur identiċi, ekwivalenti jew simili fis-suq internazzjonali, meta l-valur tal-fattura jitqies mill-Kumitat li huwa wieħed irraġonevolment baxx, ġiet aċċettata mit-Tribunal innifsu fid-deċiżjoni tiegħu, li fl-ebda waqt ma qal li kellha tiġi aċċettata ċ-ċifra indikata fuq il-fattura. L-appellanta kompliet tgħid li t-Tribunal ikkonkluda li l-valur li waslet għalih l-Awtorità appellanta kien jeċċedi l-valur medju ta' vetturi bil-mutur identiċi, ekwivalenti jew simili għal dik mertu ta' dawn il-proċeduri, għaliex skont is-soċjetà Hagerty, vetturi awtomatiċi bħal dik inkwistjoni jnaqqsu l-valur b'20% u mhux iżidu, u għaliex l-Kumitat naqas milli jieħu inkonsiderazzjoni l-fatt li l-vettura kienet ġiet *written off* konsegwenza ta' inċident li kienet involuta fih. L-appellanta għamlet riferiment għall-*footnote* 8 tas-sentenza, u qalet li din hija skorretta għaliex il-valur mogħti fl-euro fil-formola VEH15 kien frott ta' *lapsus calami* għaliex meta xehed Albert Pisani, il-membru tal-Kumitat li spezzjona l-vettura, dan esebixxa

dokumenti li juru li l-valuri tal-vetturi l-oħra huma f'liri sterlini, kif ukoll jirriżulta li l-vettura mertu ta' dawn il-proċeduri nxtrat mill-Ingilterra b'liri sterlini. Intqal ukoll li f'dan il-każ m'hemmx dubju li l-vettura inkwistjoni kienet f'kundizzjoni li kienet bejn "fair" u "good" skont il-klassifikazzjoni ta' Hagerty, u t-Tribunal f'dan il-każ naqas milli jagħmel riferiment għax-xhieda mogħtija minn Albert Pisani, li spjega li skont il-linji gwida ta' Hagerty, vettura simili kklassifikata bħala "good" għandha valur ta' £31,300, filwaqt li vettura f'kundizzjoni "fair" għandha valur ta' £14,000.

12. L-appellanta qalet li f'dan il-każ il-Kumitat ikkomputa t-taxxa fuq valur ta' €18,600. Qalet li l-*average* tal-valur bejn "good" u "fair" huwa ta' £22,650 (£31,300 + £14,000 / 2), li bir-rata tal-kambju kif kienet fl-4 ta' Marzu, 2019 (0.8603) tagħti valur ta' €26,328. Qalet li anki f'każ li jsir tnaqqis ta' 20% kif intqal għaliex il-vettura hija *automatic,* wieħed jasal għal valur ta' €21,062, u jekk wieħed jerġa' jimxi mar-rakkomandazzjoni l-oħra tat-Tribunal minħabba l-fatt li l-vettura kienet *written off,* u jagħmel tnaqqis raġonevoli ta' €2,400 oħra, xorta waħda wieħed jasal għall-valur ta' €18,600 li ġie stabbilit mill-Kumitat. L-appellanta qalet li tħares kif tħares lejn l-eżerċizzju li sar mill-Kumitat sabiex jiġi determinat il-valur tal-vettura, għandu jirriżulta bl-aktar mod ċar li d-deċiżjoni meħuda minnu hija waħda korretta, ġusta u skont il-liġi.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell u l-Appell Inċidentali</u>**

13. L-appellat wieġeb li l-appell tal-Awtorità appellanta jista' jinġabar f'żewġ aggravji ewlenin - it-Tribunal ma kellux inaqqas il-valur tal-vettura stabbilit mill-Awtorità, u t-Tribunal ibbaża l-kalkoli tiegħu fuq bil-munita Euro meta ċ-

ċifri kienu bil-munita sterlina u b'hekk irriżultat diskrepanza minħabba r-rata tal-kambju. B'riferiment għall-ewwel aggravju, l-appellat qal li huwa jaqbel mad-deċiżjoni tat-Tribunal li l-valur iffissat mill-Awtorità appellanta kien wieħed eċċessiv, partikolarment għaliex mill-provi jirriżulta li l-vettura ġiet mixtrija bi prezz ferm inqas minn dak li ġie stabbilit mill-Awtorità. Il-vettura kienet għall-bejgħ fuq *eBay* u għalhekk kienet miftuħa għas-suq internazzjonali u kienet ilha għall-bejgħ numru ta' xhur. L-istima li waslu għaliha permezz ta' Hagerty hija inqas minn dik stabbilita mill-appellanta. Il-vettura kienet waħda awtomatika u għalhekk il-valur kellu jitnaqqas b'20%. Il-vettura kienet *written off* u ma kienx hemm *history* tagħha. L-ispezzjoni damet biss ftit minuti u d-dokumentazzjoni mogħtija lil Albert Pisani kienet tikkonsisti fl-applikazzjoni VEH15, parti mil-*logbook,* u *invoice.* L-appellat żied jgħid li l-garaxx fejn saret l-ispezzjoni kien mudlam, il-vettura ma nħarġitx barra għaliex lanqas biss ġiet startjata jew ġie stabbilit taħdimx, u l-ispezzjoni saret biss minn persuna waħda, filwaqt li l-membri l-oħra tal-Kumitat kellhom għad-dispożizzjoni tagħhom biss ftit ritratti. L-appellat qal li meta Albert Pisani wasal għall-konklużjoni li l-vettura kienet *"average",* dan ma kellux stampa sħiħa tal-vettura. L-appellat spjega li kien hemm elementi mill-vettura li dejquh u li ma kinux tajbin u għalhekk ma kinitx meqjusa *"good".* Iżda l-appellat żied jgħid li Pisani skarta għalkollox il-fatt li l-vettura kienet *written off* u għalhekk kellha tingħata grad anqas minn dak li ngħatat. L-appellat qal li fil-fehma tiegħu, il-faxxa tal-valuri li taqa' fihom din il-vettura partikolari, kellha tkun inqas minn dawk li wasal għaliha t-Tribunal.

14. B'riferiment għat-tieni aggravju tal-appellanta, l-appellat qal li l-aggravju huwa rigward diskrepanza li tirriżulta mid-denominazzjoni tal-valur tal-vettura.

Qal li t-Tribunal ikkonsidra li l-valur indikat kien ta' €16,000, filwaqt li fin-nota ta' sottomissjonijiet ġie indikat valur ta' £16,000. L-appellanta iżda qalet li dan kien riżultat ta' *lapsus calami* fil-formula VEH15 u l-valur għalhekk kellu jkun f'lira sterlina. L-appellat qal li mid-dokumenti ppreżentati mill-appellanta stess, kemm f'paġna 7 u f'paġna 8, l-ammont indikat mill-Awtorità appellanta kien ta' €16,000. Qal li anki t-taxxa ġiet ikkalkulata fuq dan l-ammont f'euro (€16,000 x 37.5% = €6,000). L-appellat qal ukoll li dan il-punt ma ġiex sollevat quddiem it-Tribunal, u għalhekk għandu jiġi skartat f'dan l-istadju.

**<u>L-Appell Inċidentali</u>**

15. L-appellat għal darb'oħra spjega li huwa kien xtara l-vettura għall-prezz ta' €8,000 mis-sit *eBay,* u l-vettura kellha aktar minn tletin sena, u ġiet impurtata mill-Ingilterra. Qal li huwa ssottometta l-applikazzjonijiet neċessarji sabiex il-vettura tiġi reġistrata mal-Awtorità appellanta bħala vettura *vintage* awtentika. Wara li ġie infurmat li l-Kumitat kien aċċetta li jiċċertifika din il-vettura bħala *vintage*, kienu qalulu biex ifittex jiffinalizza t-transazzjoni sabiex ma jeħilx il-penali li jiskattaw wara t-tletin jum u li jammontaw għal €30 kuljum. Qal li kien permezz ta' din l-ittra li ntbagħtet lilu, li huwa ġie infurmat li t-taxxa tar-reġistrazzjoni ta' din il-vettura kienet ser tammonta għal €6,000. Qal li huwa ħassu aggravat bl-ammont ta' taxxa mitlub, partikolarment għaliex il-valur li fuqha bbażа t-taxxa l-Kumitat, ma kienx il-valur indikat fuq il-fattura li permezz tagħha huwa xtara l-vettura. L-appellat qal li huwa oġġezzjona għal dan l-ammont ta' taxxa li ntalab iħallas, għaliex il-fattura ppreżentata minnu kienet tirrifletti l-valur veru tal-vettura, u għaliex dan il-valur jirrifletti l-valur

ta' vetturi simili għaliha fis-suq internazzjonali, kif ukoll għaliex il-vettura inkwistjoni kienet *written off* u ma kellhiex *service history.* Minkejja din l-informazzjoni, b'ittra oħra datata 15 ta' Marzu, 2019, l-appellat ġie infurmat li l-Kumitat ikkunsidra t-talba tiegħu u l-informazzjoni l-ġdida mgħoddija minnu, imma ġie kkonfermat l-valur stabbilit oriġinarjament għaliex fil-fehma tal-Kumitat dan il-valur kien raġonevoli u aċċettabbli, u għalhekk l-appellat intalab iħallas it-taxxa kif oriġinarjament stabbilita. L-appellat qal li huwa ħassu aggravat b'din id-deċiżjoni tal-Kumitat, għaliex dan kellu jivvaluta l-vettura biss f'każ li l-valur tal-fattura jkun wieħed tant baxx li ma jistax jitqies li huwa raġonevoli. Qal li kuntrarjament għal dan, il-valur imħallas fuq il-fattura huwa reali, raġonevoli, u jirrifletti l-valur tal-vettura fis-suq internazzjonali. Qal li t-Tribunal iddikjara li l-Kumitat kellu jerġa' jikkunsidra mill-ġdid id-deċiżjoni tiegħu bil-valur tas-suq tal-vettura jkun bejn €12,800 u £7,500.

16. L-appellat qal li huwa ħassu aggravat minn din il-parti tas-sentenza fejn jirriżulta li t-Tribunal ma straħx fuq il-fattura, u saru wkoll kalkoli ħżiena, u kien għalhekk li huwa interpona dan l-appell inċidentali. Qal li t-Tribunal ma kellux japplika l-artikolu 25(8)(b) tal-Kap. 368 fejn qies li l-valur tal-vettura kien wieħed baxx b'mod li mhux raġonevoli, u t-Tribunal wasal għall-valur ta' €12,800 abbażi ta' kalkolu matematiku ħażin. L-appellat għamel riferiment għall-provvedimenti tal-artikolu 25(8) tal-Kap. 368, li jipprovdi illi:

> "Il-valur tar-reġistrazzjoni ta' vettura bħal dik bil-għan li tiġi kalkulata t-taxxa tar-reġistrazzjoni, għandu jkun bażat fuq:-
>
> (a) Il-valur tal-fattura, jew

(b) Il-valur tas-suq medju ta' vetturi bil-mutur identiċi, ekwivalenti jew simili fis-suq internazzjonali meta l-valur tal-fattura jitqies mill-kumitat li huwa wieħed baxx b'mod mhux raġonevoli."

17. L-appellat qal li dan l-artikolu huwa ċar dwar il-proċedura li għandha tiġi segwita fir-rigward ta' applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni ta' vetturi bħal dawn. Qal li l-Kumitat għandu jistrieħ fuq il-valur tal-fattura sakemm il-valur fuq il-fattura ma jkunx tant baxx, li ma jistax jitqies li huwa raġonevoli. Qal li huwa biss meta l-valur tal-fattura ma jkunx raġonevoli, li l-Kumitat għandu jistrieħ fuq il-valur tas-suq medju ta' vetturi bil-mutur identiċi, ekwivalenti jew simili fis-suq internazzjonali. Qal li mix-xhieda mogħtija minn Brian Farrugia, Segretarju tal-Kumitat, irriżulta li din il-proċedura ma tiġix segwita, għaliex il-Kumitat ma jistrieħx fuq il-valur tal-fattura anki fejn dan ikun wieħed raġonevoli. Dan ix-xhud spjega li ssir spezzjoni f'kull każ, sabiex tiġi vverifikata l-kundizzjoni tal-vettura u diversi dettalji oħra dwarha. L-appellat qal li f'dan il-każ, l-ebda wieħed mill-membri tal-Kumitat ma qies li l-valur fuq il-fattura ma kienx wieħed raġonevoli, u għalhekk il-Kumitat kellu jistrieħ fuq il-valur tal-fattura. L-appellat qal li f'dan il-każ irriżulta li l-kumitat ta valur ieħor, mhux għaliex il-fattura esebita minnu kienet waħda baxxa b'mod mhux raġonevoli, imma għaliex il-Kumitat isegwi proċedura li mhix dik ikkontemplata fl-artikolu 25(8) tal-Kap. 368. Qal ukoll li f'dan il-każ ma ġiex ippruvat li l-valur mogħti fuq il-fattura mhux raġonevoli. L-appellat qal li anki f'każ li jirriżulta li l-Kumitat għamel applikazzjoni u interpretazzjoni korretta tal-artikolu 25(8) tal-Kap. 368, xorta waħda jibqa' l-fatt li huwa ppreżenta stima ta' vettura simili għal dik mertu tal-appell. Qal li t-Tribunal ma straħx fuq din l-istima għaliex minkejja li dan il-mudell huwa simili għal vettura mixtrija minnu, is-sena tal-manifattura

hija differenti u s-serje tal-vettura hija differenti wkoll. L-appellat qal li skont il-valutazzjoni ta' Hagerty tal-vettura tal-1985, l-istima mogħtija hija ogħla mill-valutazzjoni tal-vettura tiegħu. Żied jgħid li minkejja dan, il-prezz fuq *eBay* tal-istess vettura tal-1985, huwa saħansitra irħas mill-prezz tal-vettura mixtrija minnu. L-appellat qal li l-artikolu 25(8) tal-Kap. 368 ma jisħaqx li l-istimi ta' vetturi oħra għandhom ikunu tal-istess sena u serje, u l-uniku kriterju impost huwa li wieħed għandu jara l-valur tas-suq medju ta' vetturi bil-mutur identiċi, ekwivalenti jew simili fis-suq internazzjonali. F'dan il-każ l-istima ppreżentata minnu hija ta' vettura tliet snin aktar antika. Qal li għalhekk wieħed kellu jqis li dan kien mudell ekwivalenti jew simili fis-suq internazzjonali, u ma kien hemm l-ebda raġuni għalfejn it-Tribunal ma jistrieħx fuq il-fattura.

18. L-appellat qal ukoll li huwa ħassu aggravat għaliex fil-fehma tiegħu t-Tribunal wasal għall-valur ta' €12,800 abbażi ta' kalkolu matematiku ħażin. Qal li minkejja li Albert Pisani fix-xhieda tiegħu qal li vetturi *automatic* huma aktar imfittxija, fid-deċiżjoni tiegħu t-Tribunal ikkonsidra li l-Kumitat ma ħassx illi l-fatt li l-vettura kienet *written off* kellu jaffettwa l-valur tagħha, u lanqas ma jirriżulta li l-Kumitat ħa konjizzjoni tal-fatt li skont is-sit elettroniku ta' Hagerty, vettura awtomatika identika kellha l-valur imnaqqas b'20%. L-appellat għamel riferiment għall-fatt li fl-osservazzjonijiet tiegħu dwar il-valur tal-vettura, it-Tribunal stqarr li l-valur tagħha huwa bejn €12,800 u £7,500, u li l-valur ta' €12,800 ġie determinat abbażi tal-kalkolu ta' €16,000 - 20% = €12,800. L-appellat qal li ladarba Albert Pisani stess stqarr li sabiex wasal għall-valur tal-vettura huwa qies li din kienet *automatic* u għalhekk żied 20%, it-Tribunal kellu jnaqqas 40% u mhux 20%, u għalhekk il-valur tal-vettura fis-suq għandu jkun bejn €9,600 u £7,500 (ekwivalenti għal madwar €8,000).

**Ir-risposta għall-appell inċidentali**

19. Fir-risposta tagħha għall-appell inċidentali li sar mill-appellant inċidentali, l-appellata inċidentali qalet li jirriżulta li l-appellant inċidentali qiegħed jappella minn dik il-parti tad-deċiżjoni fejn ġie ddikjarat illi l-Kumitat kellu jikkunsidra mill-ġdid id-deċiżjoni tiegħu bil-valur tas-suq tal-vettura jkun bejn £12,800[1] u £7,500 u qal li ħass ruħu aggravat għaliex it-Tribunal ma straħx fuq il-fattura, kif ukoll għaliex għamel kalkoli ħżiena. L-appellata inċidentali qalet li t-Tribunal fis-sentenza tiegħu ma ddeterminax kemm għandu jkun il-valur tal-vettura għal skopijiet tat-taxxa ta' reġistrazzjoni, u t-Tribunal ma setax jagħmel dan għaliex tali determinazzjoni teżorbita mill-parametri tal-kompetenza tiegħu, li jew jannulla jew iżomm ferm d-deċiżjoni tal-Awtorità. L-appellata inċidentali qalet li d-determinazzjoni tal-valur ta' vettura teżorbita mill-kompetenza tat-Tribunal, u dak li qal it-Tribunal dwar il-valur tal-vettura ma kien xejn għajr parti mill-konsiderazzjonijiet tiegħu li wassluh biex jannulla d-deċiżjoni tal-Awtorità. L-appellanta qalet li għalhekk għandu jitqies li l-appell inċidentali tal-appellat huwa null u mingħajr effett, għaliex appell jista' jsir biss minn deċiżjoni u mhux mill-konsiderazzjonijiet li jkunu wasslu għal tali deċiżjoni. L-appellanta qalet li fil-fatt l-istess appellat kien diġà ppreżenta rikors quddiem it-Tribunal fid-9 ta' Ottubru, 2020, wara l-għoti tas-sentenza appellata, fejn ressaq l-istess aggravju li ressaq fl-appell inċidentali, u fejn it-Tribunal wieġeb li d-deċiżjoni tiegħu hija li l-Kumitat għandu jerġa' jikkunsidra mill-ġdid id-deċiżjoni tiegħu abbażi tal-konsiderazzjonijiet li saru mit-Tribunal.

[1] It-Tribunal iffissa valur ta' €12,800 u mhux GPB 12,800 kif tgħid l-Awtorità.

20. L-appellata inċidentali żiedet tgħid li l-appellat ma kellux għalfejn iħossu aggravat bil-fatt li t-Tribunal ma straħx fuq il-fattura ppreżentata minnu, u dan għaliex it-taxxa ta' reġistrazzjoni fuq vetturi *vintage* impurtati f'Malta hija regolata bl-artikolu 25 tal-Kap. 368, li fis-subartikolu (7) tiegħu jipprovdi li meta vettura bil-mutur tkun għadha kif ġiet impurtata u tkun għadha ma ġietx reġistrata f'Malta, il-Kumitat għandu jiddeċiedi wkoll dwar il-valur tar-reġistrazzjoni ta' din il-vettura bil-għan li tiġi kkalkulata t-taxxa tar-reġistrazzjoni li għandha titħallas fuqha. L-appellata intimata qalet li f'dan il-każ, il-Kumitat kellu raġunijiet mill-iżjed validi biex iqis il-valur tal-fattura relattiv għall-vettura inkwistjoni bħala wieħed baxx, b'mod li ma setax jitqies li huwa raġonevoli.

21. B'riferiment għat-tieni aggravju tal-appellant inċidentali, li t-Tribunal għamel żball ta' kalkolu, l-appellata inċidentali tgħid li dan huwa kompletament irrelevanti, għaliex f'każ li l-Qorti tilqa' l-appell prinċipali intavolat mill-Awtorità appellanta u b'hekk is-sentenza tat-Tribunal tiġi annullata, tibqa' fis-seħħ id-deċiżjoni tal-Kumitat dwar it-taxxa ta' reġistrazzjoni dovuta minn Edward Attard, liema taxxa tħallset minnu taħt protesta, filwaqt li jekk għall-kuntrarju, l-appell intavolat mill-Awtorità appellanta ma jiġix milqugħ, il-Kumitat irid jistabbilixxi l-valur tal-vettura mill-ġdid, mhux abbażi ta' xi valur stabbilit mit-Tribunal fis-sentenza appellata, u dan għaliex it-Tribunal m'għandux il-kompetenza li jistabbilixxi hu l-valur tal-vettura jew l-ammont ta' taxxa ta' reġistrazzjoni. L-appellata inċidentali qalet li għalhekk dak li qiegħed jintalab fl-appell inċidentali ma jistax jiġi milqugħ.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

22. Il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tevalwa l-aggravji sollevati mill-Awtorità appellanta u sussegwentement tgħaddi biex tikkonsidra l-aggravji mressqa mill-appellat fl-appell inċidentali tiegħu, u dan fid-dawl tas-sentenza appellata u tas-sottomissjonijiet rispettivi li għamlu l-partijiet f'dawn il-proċeduri. Il-proċeduri odjerni nbdew wara li l-appellat ħassu aggravat bid-deċiżjoni tal-Awtorità appellanta, li għamlet stima tal-vettura li l-appellat importa mill-Ingilterra, bil-ħsieb li jirreġistraha bħala vettura *vintage,* u l-appellat ma qabilx ma' din l-istima li saret mill-Kumitat sabiex tiġi stabbilita t-taxxa ta' reġistrazzjoni, u li abbażi tagħha huwa ntalab iħallas €6,000 bħala taxxa. L-appellat qal li f'dan il-każ il-Kumitat ma qagħadx fuq il-valur indikat fuq il-fattura ppreżentata minnu, u minflok bagħat assessur sabiex jagħmel valutazzjoni tal-vettura. L-appellat ħassu aggravat għaliex il-valur indikat fuq il-fattura huwa l-valur reali u l-prezz attwali mħallas minnu għax-xiri tal-vettura, kif ukoll huwa l-valur li din il-vettura tinbigħ bih fis-suq internazzjonali. L-appellat qal li kien hemm diversi fatturi li jbaxxu l-valur tal-vettura, fosthom il-fatt li kienet involuta f'inċident u essenzjalment kienet *written off,* filwaqt li ma kellha l-ebda *service history,* imma dawn il-fatturi kollha ġew injorati mill-Kumitat. It-Tribunal fid-deċiżjoni tiegħu qies li kien hemm fatturi li kellhom ibaxxu l-valur tal-vettura, bħall-fatt li din hija vettura *automatic,* u l-fatt li essenzjalment din kienet ġiet *written off,* liema fatturi ma ġewx ikkunsidrati mill-Kumitat, li għalhekk wasal għal valur li huwa ogħla mill-valur ta' vettura bħal din fis-suq. Imma fl-istess waqt it-Tribunal qal li lanqas ma jista' jintqal li l-prezz imħallas mill-appellat għall-akkwist ta' din il-vettura huwa l-valur li bih din tinbiegħ fis-suq, u għalhekk talab lill-Kumitat jikkonsidra mill-ġdid il-valur

tal-vettura għal skop ta’ taxxa tar-reġistrazzjoni, wara li l-Kumitat iqis il-konsiderazzjonijiet li għamel it-Tribunal sabiex wasal għal din il-konklużjoni tiegħu.

*L-Ewwel Aggravju:* *l-Awtorità appellanta kienet korretta meta applikat id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 25(8)(b) tal-Kap. 368*

23. L-Awtorità appellanta tgħid li hija ħassitha aggravata għaliex it-Tribunal fid-deċiżjoni tiegħu kkonkluda li l-valur tal-fattura ppreżentata mill-appellat, ma jirriflettix il-valur fis-suq tal-vettura, li jfisser li hija kienet korretta meta applikat id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 25(8)(b) tal-Kap. 368. L-appellanta qalet ukoll li t-Tribunal imkien ma qal li l-valur indikat fuq il-fattura esebita mill-appellat, għandu jiġi aċċettat, iżda talab lill-Kumitat jagħmel stima tal-vettura mill-ġdid. Għall-appellanta dan ifisser li l-valur indikat fuq il-fattura esebita mill-appellat kien baxx b’mod li ma jistax jitqies li huwa raġonevoli, u għalhekk hija kienet korretta meta bagħtet lill-assessur tagħha biex jagħmel spezzjoni u jistma l-vettura, indipendentement minn dak li tgħid il-fattura. L-appellanta qalet li għat-Tribunal din hija kwistjoni ta’ *quantum,* għaliex it-Tribunal ippretenda li l-valur mogħti lill-vettura kellu jitnaqqas, partikolarment għaliex jirriżulta li l-Kumitat ma ħax konjizzjoni tal-fatt li l-vettura inkwistjoni hija *automatic,* u fis-sena 2003 kienet ġiet *written off.*

24. Il-Qorti tqis li l-artikolu 25(7) tal-Kap. 368 jistabbilixxi b’mod ċar x’inhu r-rwol tal-Awtorità appellanta u tal-Kumitat fi ħdanha kull meta xi ħadd jinnotifika lill-Awtorità li jkun importa vettura bil-ħsieb li jirreġistraha bħala *vintage.* Dan l-artikolu tal-liġi jgħid b’mod ċar li fost funzjonijiet oħra, il-

Kumitat *"__għandu wkoll__[2] jiddeċiedi dwar il-valur tar-reġistrazzjoni ta' dik il-vettura bil-għan li tiġi kkalkulata t-taxxa tar-reġistrazzjoni li għandha titħallas fuq dik il-vettura."* Dan ifisser li l-Kumitat ma jistax minn jeddu jiddeċiedi li jistrieħ fuq il-fattura ppreżentata u jadotta l-valur indikat hemmhekk bħala l-valur tal-vettura għall-finijiet tal-ħlas ta' taxxa tar-reġistrazzjoni. Jista' jagħti l-każ li wara li ssir spezzjoni minn wieħed mill-assessuri, u jiġi kkonstatat f'liema stat u kundizzjoni din il-vettura tkun tinsab, jiġi deċiż li l-Kumitat għandu jadotta l-valur indikat fuq il-fattura. Iżda jista' jagħti l-każ ukoll, kif jirriżulta li ġara fil-każ in eżami, li l-Kumitat jiddeċiedi li l-valur indikat fuq il-fattura għandu jiġi rivedut, mhux għaliex tkun saret xi ħaġa ħażina da parti tax-xerrej tal-vettura, jew għaliex dan ikun għamel xi dikjarazzjoni qarrieqa dwar il-prezz li huwa jkun ħallas għaliha, imma għaliex il-Kumitat jidhirlu li abbażi ta' linji gwida oġġettivi u riċerka li ssir dwar il-prezz ta' vetturi b'mudelli simili fis-suq, il-valur tal-vettura għall-fini ta' taxxa ta' reġistrazzjoni għandu jiġi rivedut, għaliex il-valur li jirriżulta mill-fattura huwa baxx b'tali mod li ma jistax jitqies li huwa raġonevoli. Dan huwa proprju dak li għamlet l-Awtorità appellanta u t-Tribunal fid-deċiżjoni tiegħu ma sab xejn x'jiċċensura f'dan ir-rigward, tant hu hekk li rrakkomanda lill-Kumitat jagħmel stima mill-ġdid tal-vettura abbażi tal-konsiderazzjonijiet li għamel it-Tribunal sabiex wasal għad-deċiżjoni tiegħu. Għaldaqstant din il-Qorti ma tarax li hemm lok fejn l-Awtorità appellanta tħoss ruħha aggravata b'din il-parti tas-sentenza appellata, u dan għaliex it-Tribunal bl-ebda mod ma ċċensura dak li tagħmel l-Awtorità sabiex tiddetermina l-valur ta' vetturi bħal dawn għal skopijiet ta' komputazzjoni tat-taxxa tar-reġistrazzjoni.

[2] Sottolinear miżjud mill-Qorti.

Tqis għalhekk li dan l-aggravju mhuwiex ġustifikat u tiċħdu

*It-Tieni Aggravju:* *id-determinazzjoni tal-valur*

25. L-Awtorità appellanta ħasset ruħha aggravata wkoll, għaliex fil-fehma tagħha, l-eżerċizzju li sar minnha sabiex ġie determinat il-valur tal-vettura, u l-istima li saret mill-Kumitat kienu korretti, ġusti u skont il-liġi. Qalet li hija min-naħa tagħha ħadmet it-taxxa fuq valur tal-vettura, li ġie stabbilit li huwa ta' €18,600, wara li ttieħed l-*average* bejn il-valur ta' vettura f'kundizzjoni meqjusa *good* u l-valur ta' vettura f'kundizzjoni meqjusa *fair.* Kompliet tgħid li anki f'każ li kellu jsir tnaqqis mill-valur ta' 20% kif suġġerit mit-Tribunal peress li l-vettura hija *automatic,* dan jagħti valur ta' €21,062, u jekk kellu jsir tnaqqis ulterjuri ta' €2,400 għaliex il-vettura kienet ġiet *written off,* dan jagħti valur ta' €18,600, li huwa valur li jqarreb ferm lejn il-valur li fuqu nħadmet it-taxxa tar-reġistrazzjoni. L-Awtorità appellanta qalet li għalhekk il-valur mogħti mill-Kumitat lil din il-vettura għandu jitqies li huwa korrett, ġust u skont il-liġi.

26. Il-Qorti tirrileva li l-Awtorità appellanta qiegħda tkun selettiva ferm fl-għażla tal-valuri li għamlet riferiment għalihom in sostenn tal-istima li saret minnha. Fl-ewwel lok irid jintqal li l-ammonti ċċitati mill-appellanta huma fil-munita tad-Dollaru Amerikan u mhux f'Liri Sterlini, u għalhekk il-kalkolu kellu jkun USD31,300 u USD14,000, li jwassal għal prezz kemxejn differenti minn dak li waslet għalih l-appellanta. Barra minn hekk jirriżulta wkoll li skont is-sit ta' Hagerty tar-Renju Unit, vettura simili għal dik tal-appellat f'kundizzjoni *fair* kellha valur ta' £12,400, filwaqt li vettura simili jew identika iżda f'kundizzjoni *good,* kellha valur ta' £18,700. Għaldaqstant li kieku wieħed kellu jieħu l-

*average* ta' dawn iż-żewġ valuri £12,400 + £18,700 / 2, il-valur li wieħed jasal għalih ikun ta' £15,550, li bir-rata ta' kambju adottata mill-appellanta, huwa ekwivalenti għal €18,075, li minnhom riedu jitnaqqsu 20% peress li l-vettura inkwistjoni hija *automatic.* L-appellat min-naħa tiegħu jgħid li għandu jitnaqqas l-ammont ta' 40% u mhux 20% għaliex l-Awtorità appellanta kienet żiedet 20% fuq il-valur għaliex il-vettura hija *automatic,* u jsir tnaqqis ulterjuri peress li l-vettura kienet *written off,* liema fatturi jnaqqsu l-valur tal-vettura konsiderevolment. Fil-fehma ta' din il-Qorti, abbażi ta' din il-komputazzjoni, u bi tnaqqis ta' 20% minħabba li l-vettura hija *automatic,* il-valur tal-vettura jiġi ftit anqas minn €12,000.

Għaldaqstant tqis li dan it-tieni aggravju tal-Awtorità appellanta mhuwiex ġustifikat, u qiegħed jiġi miċħud, għaliex it-Tribunal kien korrett meta kkonkluda li l-valur li waslet għalih l-Awtorità appellanta kien esaġerat.

**<u>L-Appell Inċidentali</u>**

*L-Ewwel Aggravju:* *il-Kumitat ma kellux jagħmel valutazzjoni tal-vettura*

27. L-appellant inċidentali qal li l-Kumitat kellu jagħmel stima tal-vettura biss fejn il-valur tal-fattura jkun tant baxx li ma jistax jitqies li huwa raġonevoli. Qal li f'dan il-każ il-valur indikat fuq il-fattura huwa reali, raġonevoli u jirrifletti l-valur tal-vettura fis-suq internazzjonali. Kompla jgħid li l-prassi adottata mill-Kumitat, kif spjegata mix-xhud Brian Farrugia, tmur kontra dak li jipprovdi l-artikolu 25(8) tal-Kap. 368, li jgħid li valutazzjoni mill-assessur inkarigat mill-

Kumitat għandha ssir biss f'każ li jirriżulta li l-valur fuq il-fattura jkun irraġonevolment baxx, u mhux f'kull każ.

28. Il-Qorti tirrileva li mill-provi jirriżulta li ssir spezzjoni indipendenti minn wieħed mill-assessuri inkarigati mill-Kumitat kull fejn persuna tinnotifika lill-Awtorità appellanta li tkun impurtat vettura u tixtieq tirreġistraha bħala *vintage car.* Ġie spjegat li tali spezzjoni ssir sabiex tiġi stabbilita l-kundizzjoni tal-vettura, partikolarment fejn ikun irid jiġi deċiż jekk il-vettura għandhiex tinstaq fit-triq u għandhiex tingħata pjanċi tar-reġistrazzjoni biex tkun tista' tinħareġ barra. Il-Qorti tqis li din il-prassi hija strettament skont dak li jipprovdi l-artikolu 25(7) tal-Kap. 368, li jgħid li l-Kumitat għandu jagħmel dan eżerċizzju sabiex jiddeċiedi dwar il-valur tar-reġistrazzjoni tal-vettura bil-għan li tiġi kkalkulata t-taxxa tar-reġistrazzjoni li għandha titħallas fuqha. Naturalment ser ikun hemm każijiet fejn wara li ssir spezzjoni bħal din, l-assessur jiddeċiedi li l-valur iddikjarat fuq il-fattura ppreżentata mill-applikant huwa valur li jirrifletti l-valur tal-vettura fis-suq, u għalhekk il-prezz iddikjarat fuq il-fattura huwa l-prezz li fuqu għandha tinħadem it-taxxa tar-reġistrazzjoni. Imma dan ma jseħħx f'kull każ, u jkun hemm każijiet fejn l-assessur, wara li jagħmel l-ispezzjoni tiegħu, jasal għall-konklużjoni li l-valur tal-vettura huwa ogħla minn dak indikat fuq il-fattura. Mill-atti jirriżulta li Kumitat għandu linji gwida ċari u jsir eżerċizzju ta' riċerka u eżami komparattiv sabiex l-assessur jasal għall-valur li fuqu għandha titħallas it-taxxa tar-reġistrazzjoni.

Għaldaqstant il-Qorti tqis li dan l-aggravju tal-appellant inċidentali mhuwiex ġustifikat u tiċħdu, għaliex ma jirriżultax li l-appellata inċidentali mhijiex qiegħda timxi konformi mad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 25 tal-Kap. 368 meta

tibgħat l-assessuri tagħha biex jagħmlu spezzjoni tal-vetturi li jkunu ser jiġu rreġistrati.

*It-Tieni Aggravju: kalkolu matematiku ħażin*

29. L-appellant inċidentali qal li huwa ħassu aggravat ukoll għaliex fil-fehma tiegħu t-Tribunal għamel kalkolu matematiku ħażin meta ddeċieda li l-valur il-ġdid li għandu jasal għalih il-Kumitat irid ikun bejn €12,800 u €8000 (£7,500). Qal li t-Tribunal wasal għal din iċ-ċifra wara li għamel kalkolu ta' tnaqqis ta' 20% minn €16,000, iżda fil-verità l-perċentwal li kellu jitnaqqas għaliex il-vettura akkwistata minnu hija waħda awtomatika, huwa ta' 40% u mhux ta' 20%. Dan għaliex il-Kumitat kien diġà żied 20% fuq il-valur peress li kkonsidra li l-fatt li l-vettura tal-appellat hija awtomatika, iżid u mhux inaqqas il-valur tagħha. Il-Qorti tqis li dan l-aggravju huwa ġustifikat, għaliex wara kollox irriżulta li huwa minnu li l-Kumitat żied il-valur b'20% meta wasal għall-konklużjoni li l-valur li abbażi tiegħu għandha tinħadem it-taxxa tar-reġistrazzjoni huwa ta' €16,000. Għaldaqstant filwaqt li tilqa' dan l-aggravju, il-Qorti qiegħda tidderieġi lill-Kumitat u lill-Awtorità appellanta sabiex jikkunsidraw li jirrestrinġu l-parametri tal-istima tagħhom bejn l-ammont ta' €8,000 (jew £7,500) u €9,600 għall-fini tal-komputazzjoni tat-taxxa tar-reġistrazzjoni tal-vettura.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi dwar l-appell tal-Awtorità appellanta billi tiċħdu. Tiċħad ukoll l-ewwel aggravju tal-appellant inċidentali, u tilqa' t-tieni aggravju tiegħu, u tirriforma s-sentenza appellata, billi filwaqt li tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn sabet li l-valur mogħti mill-Kumitat għall-Klassifikazzjoni ta' Vetturi Vintage sabiex tiġi kkalkolata t-taxxa tar-reġistrazzjoni tal-vettura huwa eċċessiv, qiegħda tiddikjara illi l-Awtorità appellanta għandha tikkunsidra li l-valur li fuqu għandha tiġi kkalkulata t-taxxa ta' reġistrazzjoni tal-vettura huwa bejn €8,000 u €9,600.**

**Spejjeż ta' dan l-appell jinqasmu kwantu għal tliet kwarti għall-Awtorità appellanta u kwart għall-appellat.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**